# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' April 2018**

**Kawza Numru : 24**
**Rikors Guramentat Numru : 319/2017/LSO**

**Anthony u Anna Maria konjugi Fleri Soler (KI. Nr. 424635M u KI Nr. 361440M**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Anthony u Anna Maria konjugi Fleri Soler, rispettivament KI Nr. 424635M u KI Nr.

361440M datat 10 ta’ April 2017 fejn l-istess Anthony Fleri Soler espona:

Illi Tancred (Tancredis) Fleri Soler, iben Joseph Fleri u Ludcarda Soler, li twieled fit-13 ta' April 1865, kif jirrizulta mill-anness Certfikat tal-Maghmudija (Dok A), jigi n-nannu patern tal-esponenti;

Illi meta twieled missier l-esponenti, Joseph (Giuseppe), fis- 26 ta' Gunju 1898, kunjom il-missier cioe' l-imsemmi Tancred, gie korrettement indikat bhal 'Fleri Soler', kif jirrizulta mill-anness estratt tar-registrazzjoni tat-twelid (Dok. B) u konsegwentement kunjom missier l-esponenti huwa legalment 'Fleri Soler';

Illi, *nonostante* t-taghrif u r-registrazzjoni ufficjali fil-premess Dok.B , meta twieled l-esponenti fit-2 ta’ Gunju 1935, fl-Att tat-Twelid tieghu li dahal fid-19 ta' Gunju 1935 bin-numru ta' iskrizzjoni 4246 anness bhala Dok C, kwantu ghat-‘Taghrif dwar Missier it-Tarbija':-

- fil-kolonna taht l-intestatura *'isem u kunjom'* cioe' referibbli ghall-missier l-esponenti, Joseph (Giuseppe), il-kunjom tnizzel bhala 'Soler' u mhux 'Fleri Soler';

- u fil-kolonna taht l-intestatura ' *Isem u kunjom il-missier , u jekk hux haj jew mejjet'*, cioe' referibbli ghan-nannu tal-esponenti Tancred Fleri Soler, ma tnizzel ebda kunjom;

Illi b' hekk in bazi ghall-Art ta' Twelid (Dok.C) tal-esponenti, kunjomu huwa inferit bhala 'Soler', mentri ghandu jkun

'Fleri Soler' kif johrog car mill-Att ta' Twelid ta' missieru Joseph (estratt Dok B);

Illi in oltre', b' konsegwenza tal-fatt premess li fl-Att ta' Twelid tal-attur, kunjomu huwa inferit bhala 'Soler', meta l-atturi zzewgu fil-25 ta' April 1962, fl-Att taz-Zwieg li dahal fit- 2 ta' Novembru 1962, bin-numru ta' iskrizzjoni 1498 (Dok.D), kwantu ghat-Taghrif dwar ir-Ragel mizzewweg' :

- fil-kolonna taht l-intestatura *'Genituri tal-Mizzewgin - Isem u Kunjom, jekk hajjin jew mejtin'*, kunjom missier l-attur tnizzel bhala' Soler';
- u fil-kolonna taht *'Isem u Kunjom',* relattivi ghall-attur, dawn tnizzlu bhala 'Antonio Soler'-------

------bil-konsegwenza li l-attrici Anna Maria Fleri Soler in bazi ghall-Att taz-Zwieg (Dok D) u b' effett taz-zwieg, kunjomha huma inferit bhala 'Soler';

Illi din is-sitwazzjoni anomala partikularment fl-Att tat-Twelid tal-attur u konsegwentement fl-Att taz-Zwieg, naxxenti mill-fatt li fl-Att ta' Twelid tal-attur kunjom missieru tnizzel bhala 'Soler', (ghad li legalment in bazi ghall-Att ta' Twelid ta' missieru (estratt Dok. B) m' hemmx dubju li kunjom il-missier huwa 'Fleri Soler'), qed tohloq inkonvenjent u pregudizzju ghall-atturi, tant li minhabba li l-Att ta' Twelid tieghu jindika lill-attur bil-kunjom 'Soler', attwalment il-passaport tieghu ma jistax aktar jiggedded bil-kunjom 'Fleri Soler';

Illi huwa jirrileva li apparti l-Att tat-Twelid tieghu u l-Att taz-Zwieg, l-atturi minn dejjem kienu maghrufa fattwalment u

anke ikkonoxxuti ufficjalment bhala 'Anthony Fleri Soler' u 'Anna Maria Fleri Soler', kif jikkonfermaw l-annessi kopji ta' estratti mir-Registru Elettorali (Dok E sa Dok.1).

Illi kwantu ghal isem l-esponenti fl-Att taz-Zwieg (Dok. D) filwaqt li dan tnizzel bhala 'Antonio', ghal precizazzjoni huwa proprjament 'Anthony' kif anke jirrizulta mill-Att ta' Twelid tieghu (Dok.C).

Illi huwa jaf b' dawn il-fatti 'di scientia propria'.

**(B) Ir-Raguni tat-Talba.**

L-esponenti jiddikjaraw bhala raguni tat-talba taghhom :

- Illi kunjom l-attur skont l-Att ta' Twelid tieghu u fl-Att taz-Zwieg cioe' 'Soler', ma jaqbilx mal-kunjom fl-Att ta' Twelid ta' missieru, li huwa indikat bhala 'Fleri Soler';

- Illi dan in-nuqqas ta' qbil qed ikun ta’ pregudizzju ghall-atturi konjugi Fleri Soler u ghalhekk kellha isir din il-kawza sabiex l-Onorabbli Qorti tordna li jkun hemm taghrif izjed shih dwar il-kunjom tal-atturi, kemm fl-Att ta' Twelid tal-attur kif ukoll fl-Att taz-Zwieg.

**(C) Talbiet**

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-attur (Dok.C) bin-numru ta' iskrizzjoni 4246 tal-1935 b'referenza ghat-'Taghrif dwar Missier it-tarbija' taht il-kolonna bl-intestatura *'Isem u Kunjom',* fejn hemm imnizzel 'Giuseppe Soler', jaghmel bidla fis-sens illi qabel il-kelma 'Soler’ izid il-kelma 'Fleri' biex il-kunjom jinqara 'Fleri Soler'.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-istess Att tat-Twelid tal-attur, b'referenza ghat-'Taghrif dwar Missier it-tarbija' taht il-kolonna bl-intestatura '*Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet',* (referibbli ghad-dettalji tan-nannu tal-attur) idahhal il-kliem 'Fleri Soler' taht l-isem Tancred'.

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att taz-Zwieg tal-atturi (Dok.D), bin-numru ta' iskrizzjoni 1498 tal-1962 b' referenza ghat-'Taghrif dwar ir-ragel mizzewweg':

(a) taht il-kolonna bl-intestatura *'Isem u Kunjom',* fejn hemm imnizzel 'Antonio Soler', jaghmel tibdil fis-sens illi qabel il-kelma 'Soler' izid il-kelma 'Fleri' biex il-kunjom jinqara 'Fleri Soler' u jissostitwixxi l-isem 'Antonio bl-isem 'Anthony';

(b) u taht il-kolonna bl-intestatura *'Genituri tal-Mizzewgin - Isem u Kunjom, jekk hajjin jew mejtin',* b' referenza ghall-isem u kunjom 'Joseph Soler' missier l-attur jaghmel bidla fis-sens illi qabel il-kelma 'Soler' tizdied il-kelma 'Fleri', biex kunjom missieru jinqara 'Fleri Soler'.

4. Tordna illi dan it-tibdil mitlub jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tal-atturi.

Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-konvenut, minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Mejju 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 15 ta' Mejju 2017 (fol 21) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jeccepixxi illi r-rikorrenti ma ddikjarawx taht liema artikolu qed isejsu l-proceduri istanti. Ghaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma li jkun ta' beneficcju jekk dan jigi ddikjarat salv pero' illi l-esponent jirriserva d-dritt tieghu li jissoleva eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

3. Illi subordinatament u bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent jirrileva li mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

4. Illi l-esponent qed jassumi li tali azzjoni qed tigi msejsa fuq Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li t-talba kif dedotta tikkoncerna korrezzjoni fir-rigward ta' kunjom u isem, kemm fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent u kif ukoll fl-Att taz-Zwieg tar-rikorrenti. Tajjeb li jigi sottolinejat illi l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet f' ismijiet u mhux f' kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u gurisprudenza nostrana;

5. Illi fil-proceduri istanti fir-rigward tal-korrezzjoni tal-isem tar-rikorrent fl-Att taz-Zwieg tieghu, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', l-esponent ma jsib l-ebda oggezzjoni salv pero' li r-rikorrent ghandu jipprezenta provi u/jew jressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew affidavits ta' familjari, hbieb u konoxxenzi tar-rikorrent li ghandhom isahhu l-pozizzjoni tar-rikorrenti, ossia li tul hajtu huwa kien konsistentament msejjah bhala 'Anthony' u mhux 'Antonio';

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u sussegwentament, fir-rigward tal-korrezzjoni fil-kunjom kemm fl-Att tat-Twelid kif ukoll fl-Att taz-Zwieg tar-rikorrenti, Artikou 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma jipprovdix illi jista' jsir korrezzjoni fil-kunjom. Dan fil-fatt gie korrabborat sia mid-dibattiti parlamentari kif ukoll mill-gurisprudenza nostrana. L-unika okkazjoni fejn tibdil ta' kunjom ikun permissibli huwa meta jkun hemm zball car u evidenti;

7. Illi maghdud mal-premess, l-esponent jecepixxi illi ma jidhirx li hemm xi dikjarazzjoni ta' zball da parti l-esponent fir-rikors gurament tar-rikorrenti u lanqas zball da parti l-esponent fl-Att t-Twelid u fl-Att taz-Zwieg li nhargu mid-Dipartiment tar-Registru Pubbliku;

8. Illi sussegwentament l-esponent jkompli jecepixxi illi qabel l-emendi tal-1993, tarbija mwielda fiz-zwieg ma kellhiex il-possibilita' li tassumi kunjom xbubit ommu ma' dak tal-missier. Apparti minn hekk, qabel is-sena 2005, lanqas ma kien possibli li fl-Att tat-Twelid jitnizzel il-kunjom li tarbija tkun ser tassumi. Ghaldaqtant, jekk wiehed jiehu akkont li n-nannu patern tar-rikorrent, u cioe' Tancredi Fleri, u kif ukoll missier ir-rikorrent, u cioe' Giuseppe Fleri, li twieldu nhar it-13 ta' April tal-1865 u s-26 ta' Gunju tal-1898, rispettivament, u liema Atti tat-Twelid taghhom jinsabu annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 2' u 'Dok. DRP 3' rispettivament, dawn ma setghux ***legalment*** jassumu l-kunjom 'Fleri Soler' kif qed jishqu r-rikorrenti fir-rikors guramentat taghhom. L-esponent jkompli jeccepixxi illi ghalkemm persuna setghet tkun maghrufa b'kunjom iehor minn dak li huwa prezunt *ai termini* tal-ligi, dan ma jfissirx li b'hekk persuna mill-aspett legali hija kienet assumiet l-istess kunjom li hija tkun maghrufa bih;

9. Illi *di piu'* persuna li tkun maghrufa b'zewg kunjomijiet, ossia b'dak ta' xbubit ommu u b'dak missieru, dik il-persuna permezz tal-emendi tal-2007 kellha kull dritt li fiz-zmien stipulat setghet taghmel uzu mill-Formola T li tinsab annessa mal-Kodici Civili nostrana sabiex tirregola kunjomha mad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku. Minkejja

din il-fakolta' ir-rikorrenti ma ghamlux uzu minn dan u ghaldaqstant permezz tal-proceduri istanti huma qed jitolbu li din il-kwistjoni tigi regolata proprju issa;

10. Illi maghdud mal-premess, l-esponent huwa tal-umli fehma illi f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet kif dedotti mir-rikorrenti, huwa ma ghandux jinzamm responsabbli *stante* li fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent, liema Att jinsab anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 4', kienet proprju Mary Vassallo li kienet iddikjarat l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, inkluz l-isem tal-missier u tan-nannu tar-rikorrent, u ghal dawn il-fini hija stess kien iffirmat l-Att in kwistjoni. Ghaldaqstant. galadarba Mary Vassallo, id-dikjaranta fuq l-Att tat-Twelid, accettat l-informazzjoni inserita minnha fl-Att u kkonfermat illi tali informazzjoni kienet wahda korretta permezz tal-firma taghha, dan kollu ma jirrizultax illi b'hekk kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku;

11. Illi fil-mertu, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tal-korrezzjoni tal-isem tar-rikorrent fl-Att taz-Zwieg tieghu, filwaqt li fir-rigward tal-korrezzjoni tal-kunjom sabiex ir-rikorrenti jkunu legalment maghrufa bhala 'Fleri Soler', l-esponent huwa tal-umli fehma illi t-talba kif dedotta ma timmeritax li tintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti;

12. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-

esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kontra l-atturi li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma inkluz dak tat-Tlieta, 6 ta' Frar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Kenneth Cutajar ghall-atturi u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur intimat. Dr Cutajar prezenta nota ta’ referenzi u ghadda kopja tal-istess lid-difensur tal-kontro-parti *seduta stante.* Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ April 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzzjonijiet fir-registrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta saret debitament fit-3 ta’ Lulju 2017 (fol 31a) b’hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Referibbilment ghat-tieni eccezzjoni, din hija sorvolata *stante* li r-rikorrenti indikaw tramite l-avukat difensur

taghhom, fil-verbal datat 23 ta' Mejju 2017, li l-azzjoni odjerna hija msejsa fuq l-artikolu 253(1) u (2) tal- Kap 16.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li fl-att tat-twelid tar-rikorrent, fejn hemm imnizzel fil-kolonna "Taghrif dwar missier it-tarbija", fejn hemm "Giuseppe Soler" dan jigi sostitwit bil-kunjom "Fleri Soler", u sabiex taht l-isem "Tancred" jiddahhal il-kliem "Fleri Soler". Illi r-rikorrenti qed jitolbu wkoll li fl-att taz-zwieg taghhom l-isem "Antonio" jigi sostitwit bl-isem "Anthony" filwaqt li l-kunjom "Soler" jigi sostitwit bil-kunjom "Fleri Soler", u fl-istess att taz-zwieg, fejn hemm il-kolonna "Genituri tal-mizzewgin", qed jitolbu li "Joseph Soler" jigi sostitwit b' "Joseph Fleri Soler".

Illi fil-mertu, r-rikorrenti ghandhom jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-kunjom ta' missier ir-rikorrent u cioe` l-kunjom tal-familja kien "Fleri Soler". Ghal dan il-ghan, esebew certifikat tal-maghmudija tan-nannu tar-rikorrent, Tancred Fleri Soler, bhala Dok A anness mar-rikors promotur, fejn kunjhom missieru huwa *Fleri* u ta' ommu huwa *Soler.* Esebew ukoll l-att tat-twelid ta' missier ir-rikorrent, Giuseppe Fleri Soler, fejn huwa indikat bhala iben Tancred *Fleri Soler* u ta' Maria *Fleri Soler* nee` Staines, bhala Dok B anness mar-rikors promotur. *Di piu`*, gew esebiti kopji tal-estratti mir-Registru Elettorali mill-1997 sal-2016 fejn ir-rikorrenti huma indikati bil-kunjom "Fleri Soler". Gew esebiti wkoll, l-atti tat-twelid tal-erba' wlied tar-rikorrenti, (fol 44-47) b' kunjomhom indikat bhala "Fleri Soler", u kopja tal-passaport tar-rikorrenti fejn il-kunjom huwa indikat bhala "Fleri Soler."

Inoltre` **Anthony Fleri Soler** xehed permezz ta' affidavit (fol 34-36) li spjega li jinsab minghajr passaport peress li meta gie biex igedded il-passaport, peress li f'dak precedenti kien imnizzel biss bhala Soler, ma setax jigi indikat bhala Fleri Soler. Hu spjega li fl-att tat-twelid tieghu kunjom missieru huwa indikat bhala "Soler" izda fl-att tat-twelid ta' missieru esebit bhala Dok B, u f'Dok DRP3 anness mar-risposta tal-intimat jidher li kunjom missieru kien "Fleri Soler". Spjega li kienet zitu, oht ommu, li ffirmat meta gie rregistrat l-att tat-twelid tar-rikorrent, b'hekk sostna li wisq probabbli sar xi zball minnha billi ma indikatx il-kunjom shih ta' missieru. Esebixxa kopja tal-karta tal-identita` tieghu u kopja tal-licenzja tas-sewqan, (fol 39-40) fejn hu indikat bil-kunjom Anthony Fleri Soler. Rigward ismu, qal li qatt hadd ma sejjahlu "Antonio" imma "Tony" fil-qosor ghal "Anthony" b'hekk qed jitlob il-korrezzjoni fl-isem tieghu wkoll biex jitnizzel bhala "Anthony".

**Kenneth Cutajar**, xehed permezz ta' affidavit (fol 41) li qal ilu jaf lir-rikorrent u l-familja tieghu u sahansitra fis-snin sebghin kienu gew joqghodu ftit bibien il-boghod u ghalhekk sa minn tfulitu lir-rikorrent kien isejjahlu "Tony" u l-familja tieghu kienu jafuhom bil-kunjom "Fleri Soler".

Hawnhekk, huwa relevanti li ssir referenza ghall-gurisprudenza fejn il-Qrati Taghna kienu anqas rigidi fil-konsiderazzjonijiet taghhom ta' talbiet ghall-bidliet fl-atti tal-istat civili, fejn gie ritenut li talba bhal din odjerna tista' tirnexxi mhux biss fuq il-bazi ta' zball izda anke fuq bazi ta' taghrif izjed shih dwar il-persuna. Illi fil-kaz **McLean gia**

**Abdillah vs Cremona nomine** P.A. deciza fil-31 ta' Ottubru 1930 (Kollez. Vol:XXVII.ii.305), inghad:

*"Illi sewwasew minhabba li l-bdil fl-atti ta' stat Civili jolqot ukoll lil terzi persuni, il-Qrati taghna fissru li ghalkemm il-ligi ma tqisx iz-zieda jew il-bdil ta' kunjom l-attur bhala zball, ma tistax tinjora ghal kollox talba bhal din, specjalment fejn il-kunjom ikun inbidel taht xi sistema jew ordinament guridiku iehor. F'dawn il-kazijiet, ukoll fl-interess ta' terzi, il-Qrati laqghu talbiet ghal annotazzjonijiet fl-imsemmija atti bil-hsieb li jirriflettu bidliet bhal dawn."* (Ara wkoll **Jason Paul Grixti vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, P.A. (JRM) deciza fl-24 ta' Ottubru 2002).

Relevanti wkoll hu l-kaz **Leonard Ellul sive Ellul Mercer et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, P.A. (JRM) deciz fil-21 ta' Marzu 2002), fejn inghad:

*"Illi din il-Qorti taghraf ukoll li l-ligi civili taghna tal-lum m'ghadhiex iebsa daqs kemm kienet qabel dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-kunjom tal-persuna. Mhux biss ghaliex illum il-gurnata l-identita` tal-persuna hija stabbilita u accertata b'mezzi ta' identifikazzjoni u registrazzjoni ohrajn, imma wkoll ghaliex jidher li hija r-rieda espressa tal-legislatur li jhalli li persuna zzid, matul hajjitha kunjom iehor ma' dak li titwieled bih.[1] F'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li huwa evidenti wkoll li tali ghazla ma ssirx bil-fors mill-genituri hekk kif it-tarbija titwieled, imma hija ghazla li tithalla fil-persuna nnifisha sa meta ssir tal-eta` li tkun tista' tiddeciedi hi."*

[1] Art. 4(3) tal-Kap 16.

*"Illi ghalhekk, talba sabiex tirnexxi mhux fuq il-bazi ta' zball fl-att izda fuq il-bazi ta' taghrif izjed siewi dwar il-persuna*."[2]

Fin-nota ta' referenzi tar-rikorrenti, saret ukoll referenza ghal kaz simili, "**Harold u Hilda konjugi Ellul sive Ellul Mercer vs Id-Direttur tar-Registru Pubbliku,** P.A. (1662/00JRM) deciza fil-5 ta' April 2001, fejn gie adottat l-istess argument sucitat.

Ikkunsidrat  li permezz tad-dokumenti esebti, gie ppruvat li missier ir-rikorrent Giuseppe, kellu l-kunjomu "Fleri Soler", (Dok B u Dok DRP3) u kunjom in-nannu tar-rikorrent, Tancredi, kien ukoll Fleri Soler (Dok A).  Difatti, rigward Dok A esebit, jigi ritenut, li l-ligi taghna tirrikonoxxi bhala prova tal-kontenut taghhom sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju *inter alia "l-atti u r-registri tal-parrocci dwar twelid, zwieg, u mewt, u d-disposizzjonijiet maghmula skont il-ligi quddiem Kappillan"* (**art. 629(b) tal-Kap 12**).

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti limitatament ghall-korrezzjoni tal-isem tar-rikorrent fl-att taz-zwieg, izda mhux ghall-korrezzjonijiet mitluba rigward il-kunjom.

Referibbilment ghar-raba' u s-sitt eccezzjonijiet tal-intimat, huwa minnu li l-artikolu 253 jaghti lok ghal korrezzjonijiet fl-ismijiet mhux fil-kunjomijiet.  Izda t-talba odjerna tista' tinkwadra fit-termini tal-artikolu 253(1) tal-Kap 16, billi dak li qed jintalab huwa li jigi korrett zball li sar fir-registrazzjoni

---

[2] App. Civ**. J Zammit vs Direttur tar-Registru Pubbliku** deciz fit-2 ta' Marzu 1994.

tal-att tat-twelid tar-rikorrent, u mhux li jinbidel il-kunjom. Difatti, l-artikolu tal-ligi sucitat, ma jispecifikax x'tip ta' zball jista' jigi korregut, u ghalhekk, dak mitlub fejn bi zball jew bi zvista taz-zija tar-rikorrent, tnizzel "Soler" minflok "Fleri Soler", jista' jinkwadra taht din id-dispozzizzjoni tal-ligi.

Ghalhekk, din il-Qorti ser tghaddi biex takkolji t-talbiet tar-rikorrent. Izda, rigward il-kap tal-ispejjez, dawn ser jigu imposti fuq ir-rikorrenti *stante* li ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat. Fil-fatt, kif ammess mill-istess rikorrent, probabbilment dan kien zball taz-zija tieghu, Mary Vassallo, li kienet hi li rregistrat l-att tat-twelid tieghu u li ffirmat, f'Dok DRP4 anness mar-risposta tal-intimat.

Referibbilment ghar-raba' talba tar-rikorrenti, din ma saritx fit-termini tal-artikolu 253(3) tal-Kap 16, billi l-atti ma gewx indikati bin-numru u s-sena relattivi, u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri sabiex jigi riservat ghar-rikorrenti l-possibilta` li jiddeducu talbiet ulterjuri in gudizzju jekk ikun il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet kif spjegat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-attur (Dok.C) bin-numru ta' iskrizzjoni 4246 tal-1935 b'referenza ghat-*'Taghrif dwar Missier it-tarbija'* taht il-kolonna bl-intestatura

*'Isem u Kunjom',* fejn hemm imnizzel 'Giuseppe Soler', jaghmel bidla fis-sens illi qabel il-kelma 'Soler’ izid il-kelma 'Fleri' biex il-kunjom jinqara 'Fleri Soler'.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-istess Att tat-Twelid tal-attur, b' referenza ghat-'Taghrif dwar Missier it-tarbija' taht il-kolonna bl-intestatura '*Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet',* (referibbli ghad-dettalji tan-nannu tal-attur) idahhal il-kliem 'Fleri Soler' taht l-isem Tancred'.

3. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att taz-Zwieg tal-atturi (Dok.D), bin-numru ta' iskrizzjoni 1498 tal-1962 b' referenza ghat-'Taghrif dwar ir-ragel mizzewweg' :

(a) taht il-kolonna bl-intestatura *'Isem u Kunjom',* fejn hemm imnizzel 'Antonio Soler', jaghmel tibdil fis-sens illi qabel il-kelma 'Soler' izid il-kelma 'Fleri' biex il-kunjom jinqara 'Fleri Soler' u jissostitwixxi l-isem 'Antonio' bl-isem 'Anthony';

(b) u taht il-kolonna bl-intestatura *'Genituri tal-Mizzewgin - Isem u Kunjom, jekk hajjin jew mejtin',* b' referenza ghall-isem u kunjom 'Joseph Soler' missier l-attur jaghmel bidla fis-sens illi qabel il-kelma 'Soler' tizdied il-kelma 'Fleri', biex kunjom missieru jinqara 'Fleri Soler'.

4. Rigward ir-raba’ talba tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri, ghar-raguni spjegata.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' April 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' April 2018**